MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tal-15 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 409/2007

**GlobalCapital Fund Advisors Limited (C-25703)**

**vs**

**Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta;**

**Avukat Generali tar-Repubblika u b'digriet tal-Qorti tat-2 ta' Ottubru 2008, il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-kjamata fil-kawza tal-Prim Ministru u l-Ministru tal-Finanzi**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-12 ta’ April 2007 permezz ta’ liem is-socjetà rikorrenti ppremettiet is-segwenti:

1. illi hi tipprovdi servizzi tal-investimenti, konsistenti inter alia, f’pariri tal-investimenti lil skemi tal-investimenti kollettiv, u dan skond il-licenzja tat-tieni kategorija (Category 2) mahruga mill-Awtorità intimate bin-numru IS/25703;

2. Illi a bazi tal-licenzja mahruga lilha mill-istess Awtorità, is-socjetà esponenti dahlet fi ftehim vinkolanti datat 17 ta’ Settembru 1998 kif sussegwentement emendat permezz ta’ ftehim supplimentari fil-15 ta’ Ottubru 1999, fl-10 ta’ Dicembru 1999, 28 ta’ Frar 2000, 14 ta’ Settembru 2001, u 30 ta’ Lulju 2003 (‘Investment Advisory Agreement’) ma’ Global Funds SICAV plc, skema ta’ l-investiment kollettiv lokali licenzjata ukoll mill-istess Awtorità bin-numru SV/06 fejn is-socjetà esponenti intrabtet li tipprovdi s-servizzi taghha lis-‘sub-funds’ tal-istess Global Funds SICAV plc u cioe lil ‘Global Bond Fund Plus’, ‘Malta Privatisation and Equity Fund’, ‘Melita International Equity Fund’, Melita International Bond Fund’, ‘Aberdeen (Malta) China Opportunities Fund’, u ‘Aberdeen (Malta) Technology Fund’. Minn naha l-ohra Global Funds SIVAC plc intrabtet illi thallas lis-socjetà rikorrenti dawk id-drittijiet miftiehma, inkluz drittijiet li jvarjaw skond l-andament tal-istess skema maghrufa wkoll bhala ‘performance fees’;

3. Illi dan il-ftehim (kif sussegwentement emendat) inkluz allura d-drittijiet u performance fees pattwiti gew approvati mill-Awtorità intimata, liema approvazzjoni kienet sine qua non biex dan l-istess ftehim seta’ jigi konkluz u attwat;

4. Illi permezz tal-avviz legali 239 ta' l-2006 [Investment Services Act (Performance Fees) Regulations 2006] u c-cirkolari mahrug mill-istess Awtorità tas-17 ta' Gunju 2005, 27 ta' Gunju 2005, 1 ta' Awwissu 2005, 15 ta' Dicembru 2005 u tat-22 ta' Settembru 2006, dwar il-performance fees l-awtoritajiet kompetenti biddlu b'mod drastiku kundizzjonijiet essenzjali dwar kif ghandhom jinhadmu tali performance fees applikabbli ghall-Investment Advisory Agreement gja konkluz bejn is-socjetà esponenti u Global Funds SICAV plc bl-approvazzjoni tal-istess Awtorità;
5. Illi l-atturi jissottomettu bir-rispett illi t-tibdiliet drastici imwettqa permezz tal-avviz legali 239 tal-2006 u c-cirkolari msemmija mahrug mill-istess Awtorità u li huma applikabbli ghall-Investment Advisory Agreement konkluz mis-socjetà esponenti bl-approvazzjoni tal-istess Awtorità ma humiex ragjonevoli izda huma lesivi ghad-drittijiet tal-esponenti, u fl-istess waqt huma diskriminatorji fil-konfront tal-atturi, u dank if ser jigi ppruvat matul il-kawza. Illi dan it-tibdil ser jippregudika rremedjabilment id-drittijiet tal-atturi;

6. Illi, fi kwalsiasi kaz, ladarba l-Awtoritajiet kompetenti kienu ezercitaw il-funzjoni taghhom li jirregolaw il-kummerc tal-atturi bil-hrug tal-licenzja tal-Global Funds SICAV plc u tas-sub-funds taghha fuq imsemmija u bl-approvazzjoni tal-Investment Advisory Agreement (kif sussegwentement emendat) konkjuz bejn is-socjetà esponenti u l-istess Global Funds SICAV plc ma kellhomx izjed gurisdizzjoni johorgu l-istess regolament billi l-funzjoni regolatrici taghhom kienet gja giet ezercitata bil-hrug tal-licenzja u l-approvazzjoni tal-istess Investment Advisory Agreement (kif sussegwentement emendat);

7. Illi l-attturi kienu interpellaw lill-awtoritajiet kompetenti sabiex ma jwettqux it-tibdil premess kemm waqt li l-awtoritajiet kompetenti kienu qed jikkunsidraw it-tibdil in kwistjoni kif ukoll wara permezz ta' ittra ufficjali permezz ta' liema interpellaw lill-awtoritajiet premess biex ihassru u jirrevokaw l-avviz legali premess;

8. Illi l-Investment Services Act (Performance Fees) Regulations 2006 (Avviz Legali 239 tal-2006) u c-cirkolari mahrug mill-istess Awtorità tas-17 ta’ Gunju 2005, 27 ta’ Gunju 2005, 1 ta’ Awwissu 2005, 15 ta’ Dicembru 2005 u tat-22 ta’ Settembru 2006 dwar il-performance fees jikkostitwixxu esproprjazzjoni forzata tal-proprjetà tal-mittenti;

9. Illi l-intimati baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talbet ghalhekk is-socjetà rikorrenti lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-Investment Services Act (Performance Fees) Regulations, 2006 (Avviz Legali 239 tal-2006) u c-cirkolari mahrug mill-istess Awtorità tas-17 ta’ Gunju 2005, 27 ta’ Gunju 2005, 1 ta’ Awwissu 2005, 15 ta’ Dicembru 2005, u tat-22 ta’ Settembru 2006 dwar il-performance fees huma nulli u ineffettivi fil-ligi ghar-ragunijiet moghtija f’dan ir-rikors u li jistghu jirrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza u dan fost ohrajn ghax ma humiex ragjonevoli izda lesivi ghad-drittijiet tal-esponenti u fl-istess waqt huma diskriminatorji fil-konfront tal-mittenti;

2. Tiddikjara inoltre li l-Investment Services Act (Performance Fees) Regulations, 2006 (Avviz Legali 239 tal-2006) u c-cirkolari mahrug mill-istess Awtorità tas-17 ta’ Gunju 2005, 27 ta’ Gunju 2005, 1 ta’ Awwissu 2005, 15 ta’ Dicembru 2005, u tat-22 ta’ Settembru 2006 dwar il-performance fees jikkostitwixxu esproprjazzjoni forzata tal-proprjeta tal-mittenti;

3. Tordna ghalhekk li jigu mhassra l-istess regolamenti u cirkolari;

4. Tiddikjara li bl-agir taghhom kif premess l-intimati jew min minnhom ikkawzaw danni lill-atturi, liema danni l-atturi jirrizervaw espressament li jillikwidaw b'kawza separata.

Talbu wkoll l-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Marzu 2007, tal-protest gudizzjarju ta' Frar 2006 u tal-ittri bonarji kollha mibghuta liema spejjez ghandhom jigu likwidati f'din l-istanza.

Rat il-lista tax-xhieda mressqa mis-socjetà rikorrenti.

Rat id-dokumenti annessi mar-rikors guramentat konsistenti fic-cirkolari mahruga mill-Awtorità intimata.

Rat ir-risposta guramentata tal-Avukat Generali prezentata fid-9 ta' Mejju 2007 fejn fiha gie eccepit is-segwenti:

1. Preliminarjament li l-Avukat Generali mhuwiex il-legittimu kontradittur peress li xejn ma hu jigi allegat fil-konfront tieghu u anqas ma hu l-legittimu kontradittur ai termini tas-subinciz (2) tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-gudizzju fi kwalunkwe kaz ma hux integru peress li kellu jigi mharrek il-Prim Ministru u l-Ministru tal-Finanzi bhala l-Ministru li hareg ir-regolamenti li qeghdin jigu impunjati bir-rikors fl-ismijiet premessi;

3. Preliminarjament u bla pregudizzju ghall-premess, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex il-gurisdizzjoni u l-kompetenza illi tissindika ligi jew regolamenti mahruga mill-Parlament hlief kif previst fil-kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 116 tal-istess Kostituzzjoni u tali gurisdizzjoni jew kompetenza ma tezistix sabiex din il-Qorti tissindika il-validità ta' ligi a bazi ta' allegata irragjonevolezza tal-istess ligi;

4. Preliminarjament, u bla pregudizzju ghas-suespost, in kwantu l-azzjoni odjerna tista' tiftiehem bhala azzjoni a tenur tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12, l-artikolu imsemmi ma hux applikabbli ghall-kaz odjern peress li r-regolamenti li qed jigu impunjati bir-rikors odjerna ma humiex att amministrattiv izda att legislattiv;

5. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk l-artikolu 469A imsemmi jista' jkun b'xi mod applikabbli l-azzjoni odjerna hi fi kwalunkwe kaz perenta ai termini tas-subinciz (3) tal-istess artikolu;

6. Preliminarjament u bla pregudizzju ghas-suespost, jonqos fir-rikorrent, l-interess guridiku li tressaq din il-kawza;

7. Illi fil-mertu, ir-Regolament in kwistjoni gew maghmula mill-Ministru responsabbli ghal Finanzi skond is-setghat li nghata lilu taht l-artikolu 12 tal-Att dwar is-Servizzi ta' l-Investiment u l-istess regolamenti u c-cirkolarijiet in kwistjoni huma ghal kollox legittimi u ndirizzati ghal kull entità licenzjata skond il-Kap 370 tal-Ligijiet ta' Malta u ma hemm xejn irragjonevoli fihom, u anzi jdahhlu r-ragjonevolezza fejn ma tezistix;

8. Illi ma hux minnu li r-regolamenti u cirkolarijiet in kwistjoni jikkostitwixxu esproprjazzjoni forzata tal-proprjetà tar-rikorrenti izda anki kieku kienu tali dan fih innifsu ma jwassalx ghan-nullità tal-istess regolamenti kif allegati mir-rikorrenti;

9. Illi ghaldaqstant l-esponenti jichad kwalunkwe allegazzjoni ta' illegalità, irragjonevolezza, skorrettezza, jew diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent, u m'ghandhu jwiegeb ghal ebda danni li allegatament ir-rikorrent tallega li sofriet b'xi allegat agir da parti tal-esponenti.

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta guramentata tal-Avukat Generali.

Rat ir-risposta guramentata tal-Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta prezentata fid-9 ta' Mejju 2007 fejn fiha eccepiet in succint is-segwenti:-

1. Illi preliminarjament l-involviment tal-Awtorità fil-kaz odjern kien konkluz mal-approvazzjoni u l-hrug tac-Cirkolari informattiva dwar il-performance fees, bl-ahhar komunikazzjoni tkun ippublikata u maghrufa ghall-pubbliku in generali, inkluz ghas-socjeta rikorrenti fit-22 ta Settembru 2006 u ghaldaqstant l-azzjoni tar-rikorrenti fil-konfront tal-Awtorità hija preskritta a tenur tal-artikolu 469A(3) tal-Kap. 12;

2. Illi prelimarjament, decizjoni tal-Awtorità tista' tigi kontestata quddiem it-Tribunal ghal Servizzi Finanzjarji, tribunal amministrattiv li ghandu l-gurisdizzjoni esklussiva biex jistharreg l-ghemil tal-Awtorità u ghaldaqstant din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni u dan a tenur tal-provvedimenti tal-artikolu 469A(4) tal-Kap. 12;

3. Illi minghajr pregudizzju il-process tar-regolamentazzjoni dwar il-performance fees sar permezz ta' Regolamenti mahruga permez tal-Avviz Legali mill-Ministru responsabbli, liema process huwa wiehed legislattiv u

mhux amministrattiv u ghalhekk il-provvedimenti tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 ma humiex applikabbli;

4. Illi minghajr pregudizzju, imkien ma jidher li r-rikorrenti ghandha xi dritt vestit u oltre dan m'ghandha l-interess guridiku necessarju fil-konfront tal-Awtorità u lanqas fil-konfront tal-meritu tac-cirkolari u r-regolamenti in kwistjoni;

5. Illi c-cirkolari u r-regolamenti huma ndrizzati ghal collective investment schemes mentri s-socjetà rikorrenti mhijiex collective investment scheme licenzjata.

6. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, wiehed mill-ghanijiet tal-Awtorità huwa li tirregola, issegwi, u tissorvelja s-settur tas-servizzi finanzjarji gewwa Malta u b'mod specifiku l-Att dwar is-Servizzi Finanzjarji jirrikjedi lill-Awtorità issegwi u tissorvelja l-prattici ta' negozju u ta' kummerc dwar il-provvista ta' servizzi finanzjarji lil persuni private u ohrajn, u li tidentifika u tiehu dawk il-mizuri biex twaqqaf kull prattika li tkun ingusta, danneggjuza jew li xort'ohra taghmel hsara lill-konsumaturi tas-servizzi finanzjarji, u specjalment lil investiture zghar;

7. Illi taht il-Kap 330 l-Awtorità ghandha wkoll il-funzjoni li taghti parir u taghmel dawk ir-rakkomandazzjonijet lil Gvern fuq l-azzjoni li fil-fehma taghha jkunu spedjenti dwar hwejjeg li jaqghu taht il-funzjonijiet regolatorji jew ta' sorveljanza tal-Awtorità;

8. Illi l-Awtorità hija obbligata bil-ligi li tiehu dawk il-mizuri kollha necessarji sabiex twettaq il-funzjonijiet taghha u huwa proprju fl-ezercizzju ta' dawn il-funzjonijiet u wara hafna hsieb li nhasset il-htiega li jigu regolati l-performance fees li certu skemi ta' investiment kollettiv kienu qeghdin u qed jkollhom ihallsu;

9. Illi l-pretensjoni tar-rikorrenti li galadarba hadet licenzja issa saret qisha intokkabbli b'mod li lanqas riformi u tibdiliet fil-ligijiet ma jistghu jaffettwawha hija infondata;

10. Illi c-cirkolari tat-22 ta Settembru 2006 tispjega dan l-izvilupp legislattiv u bl-ebda mod ma tikkonsisti f'xi varjazzjoni ta' licenzja jew inkella xi decizjoni tal-Awtorità ai termini tal-artikolu 8(3) tal-Att dwar is-Servizzi Finanzjarji;

11. Illi ir-regolament dwar il-performance fees bl-ebda mod m'huma qed ibiddlu xi kundizzjoni mil-licenzja tas-socjetà rikorrenti;

12. Illi lanqas jista' jinghad li r-regolamenti dwar performance fees jew ic-cirkolari li nhargu mill-Awtorità jistghu jikkostitwixxu xi forma ta' esproprjazzjoni forzata tal-prorpjeta tar-rikorrenti.

13. Illi lanqas huma minnu li dawn it-tibdiliet li eventwalment dahlu fis-sehh permezz tar-regolamenti imsemmija kienu mmirati lejn is-socjetà rikorrenti, izda dawn japplikaw minghajr ebda diskiminazzjoni ghal kull entità licenzjata skond il-Kap 370 u allura jaffetwaw lill-entitajiet licenzjabbli kollha li jinsabu fl-istess posizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta guramentata tal-Awtorità intimata.

Rat illi, fuq talba tas-socjetà rikorrenti, gew kjamati fil-kawza il-Prim Ministru u l-Ministru tal-Finanzi b'digriet tat-2 ta' Ottubru 2008 (a fol 87 et seq tal-process) filwaqt illi giet michuda t-talba tas-socjetà rikorrenti ghas-sejha fil-kawza tas-socjetà Global Funds SICAV plc.

Rat ir-risposta guramentata kongunta tal-kjamati fil-kawza l-Prim Ministru u l-Ministru tal-Finanzi permezz ta' liem eccepew is-segwenti:-

1. Illi preliminarjament il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni u l-kompetenza li tissindika ligi jew regolamenti mahruga mill-Parlament hlief hekk kif previst fil-kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 116 tal-istess Kostituzzjoni u tali gurisdizzjoni jew kompetenza ma tezistix sabiex tissindaka l-validita' ta' ligi a bazi ta' allegata irragjonevolezza tal-istess ligi;

2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu l-azzjoni odjerna tista' tinftiehem bhala azzjoni a tenur tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu imsemmi mhux applikabbli ghal kaz odjern peress li r-regolamenti li qed jigu impunjati bir-rikors odjern ma humiex att amministrattiv izda att legislattiv;

3. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghal premess, jekk l-artikolu 469A tal-Kap. 12 jista' jkun b'xi mod applikabbli l-azzjoni odjerna hi fi kwalunkwe kaz perenta ai termini tas-subinciz 3 tal-istess artikolu;

4. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta rikorrenti m'ghandhiex interess guridiku biex tressaq din il-kawza;

5. Illi, fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-Regolamenti in kwistjoni gew maghmula mill-Ministru responsabbli ghal Finanzi skond is-setghat li nghataw lilu taht l-artikolu 2 tal-Att dwar is-Servizzi tal-Investiment u l-istess regolamenti u c-cirkolarijiet in kwistjoni huma ghal kollox legittimi u ndirizzati ghal kull entità licenzjata skond il-Kap 370 tal-Ligijiet ta' Malta u ma hemm xejn irragjonevoli fihom, u anzi jdahhlu r-ragjonevolezza fejn ma tezistix;

6. Illi mhux minnu li r-regolamenti u c-cirkolari in kwistjoni jikkostitwixxu esproprjazzjoni forzata tal-proprjetà tar-rikorrenti, izda anzi kieku kienu tali dan fih innifsu ma jwassalx ghal nullità tal-istess regolamenti kif allegat mis-socjeta rikorrenti;

7. Illi ghaldaqstant l-esponenti jichdu kwalunkwe allegazzjoni ta’ illegalità, irragjonevolezza, skorrettezza, jew diskriminazzjoni fil-konfront tas-socjetà rikorrenti u m’ghandhom iwiegbu ghal ebda danni li allegatament is-socjeta rikorrenti tallega li sofriet b’xi allegat agir da parti tal-esponenti.

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta guramentata tal-imsejhin fil-kawza.

Rat l-atti processwali kollha, inkluz dawk prodotti quddiem it-Tribunal ghas-Servizzi Finanzjarji u l-process fl-ismijiet GlobalCapital Fund Advisors Limited v Awtorita’ ghas-Servizzi Finanzjarji (Rikors Nru 8/2009), li jinstab allegat mal-atti ta’ din il-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjonijiet preliminari.

Rat in-noti ta’ osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet u tal-kjamati fil-kawza fir-rigward.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti saljenti li jsawru l-proceduri odjerni huma s-segwenti:-

Is-socjetà rikorrenti ghandha licenzja tat-tieni kategorija mahruga mill-Awtorità intimata li bis-sahha taghha, tista', interalia taghti pariri tal-investimenti lil skemi ta' investimenti kollettiv.

Is-socjetà rikorrenti kienet dahlet fi ftehim ma' Global Funds SICAV plc - skema ta' investiment kollettiv lokali licenzjata wkoll mill-istess Awtorità intimata, datat 17 ta' Settembru 1998 kif sussegwentement emendat (aktar 'il quddiem imsejjah l-"Investment Advisory Agreement"), permezz ta' liem is-socjetà rikorrenti ntrabtet li toffri servizzi ta' investment advisor lill-sub-funds tal-Global Funds SICAV plc. Din tal-ahhar obbligat ruhha li thallas lis-socjetà rikorrenti dawk id-drittijiet miftiehma, inkluz drittijiet li jvarjaw skond l-andament tal-istess skema maghrufa bhala performance fees. Irrizulta li l-Investment Advisory Agreement u l-emendi li saru ghalih gew approvati mill-Awtorita intimata.

Sussegwentement, permezz ta' cirkolari datata 17 ta' Gunju 2005 – esebita bhala Dok C1 a fol 6 tal-process, l-Awtorità habbret proposti godda rigwardanti l-performance fees li l-iskemi ta' investiment kollettiv jhallsu lill-investment advisors taghhom. L-applikazzjoni tal-istruttura l-gdida tal-performance fees kienet mahsuba li testendi ghal "any existing schemes having a performance fee structure which is currently not in line with the new requirements". Il-mizuri proposti kienu jolqtu

lil Global Funds SICAV plc fir-rigward tal-Investment Advisory Agreement fejn fih kienu pattwiti l-performance fees bejn is-socjetà rikorrenti u l-Global Funds SICAV plc. Il-mizuri b'hekk kienu ser jolqtu wkoll il-performance fees percepibbli mis-socjetà rikorrenti skont l-imsemmi Investment Advisory Agreement.

Permezz ta' cirkolari tal-15 ta' Dicembru 2005 esebita bhala Dok C4 fol 11 tal-process, l-Awtorita intimata habbret li kienet bi hsiebha tkompli ghaddejja bil-proposti kif emendati. Eventwalment, permezz ta' cirkolari ohra tat-22 ta' Settembru 2006 esebita bhala Dok C5 a fol 33, l-Awtorità habbret illi kienet l-intenzjoni li jigu pubblikati r-regolamenti l-godda fil-futur qarib skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 12 tal-Att dwar is-Servizzi tal-Investiment.

Sussegwentement gew promulgati r-regolamenti l-godda kontenuti f'Ligi Sussidjarja imsejha Investment Services Act (Performance Fees) Regulations tal-2006.

Huwa evidenti mit-talbiet imressqa mis-socjetà rikorrenti li hija qieghda tattakka permezz tal-proceduri odjerni kemm ic-cirkolari mahruga mill-Awtorità intimata kif ukoll ir-regolamenti l-godda kontenuti fl-Avviz Legali Avviz Legali 239 tal-2006.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-intimati u l-imsejha fil-kawza ressqu numru ta' eccezzjonijiet ta' natura preliminari li, fejn huma identici, dawn ser jigu trattati flimkien.

**1. Locus Standi tal-Avukat Generali**

Permezz tal-ewwel eccezzjoni preliminari tieghu, l-Avukat Generali eccepixxa li mhuwiex il-legittimu kontradittur peress li xejn ma hu jigi allegat fil-konfront tieghu u anqas ma hu l-legittimu kontradittur ai termini tas-subinciz (2) tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fi proceduri gudizzjarji r-rapprezentanza tal-Gvern hija regolata bl-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u moghtija lill-"*kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni.*".

Is-subinciz (2) tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 jiddisponi illi:-

"*L-Avukat Generali jirraprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern*".

U s-subinciz (3) tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 jiddisponi illi:

"*Kull rikors, ġuramentat jew le, jew att ġudizzjarju ieħor magħmul kontra l-Gvern għandu jiġi notifikat lil kull kap ta' dipartiment tal-gvern li kontra tiegħu jkun dirett u lill-Avukat Generali u kull terminu biex issir risposta dwar att bħal dak minn kull kap ta' dipartiment tal-gvern li jkun konvenut jew intimat fi proċeduri ġudizzjarji ma jibdiex jiddekorri qabel ma l-att jiġi notifikat lill-kap jew kapijiet ta' dipartimenti tal-gvern li kontra tagħhom ikun dirett u lill-Avukat Generali. In-notifika lill-Avukat Generali ssir bla ħlas lir-reġistratur.*"

Il-Qorti ma taqbilx mat-tezi li l-Avukat Generali m'huwiex legittimu kontradittur, meta tqis li s-socjetà rikorrenti effettivament qeghda tattakka kemm ic-cirkolari mahruga mill-Awtorita intimata kif ukoll ligi sussidjarja li dahlet fis-sehh bis-sahha tas-setghat regolatorji moghtija, in forza tal-Att dwar Servizzi ta' Investiment (Kap 370 tal-Ligijiet ta' Malta), lill-Ministru responsabbli, li fuq parir tal-awtorità kompetenti, jista' jaghmel regolamenti biex jaghtu effett ahjar lid-disposizzjoni tal-imsemmi Att.

It-talbiet taghha huma proprju intizi sabiex tattakka r-regolamenti introdotti permezz tal-Avviz Legali 239 tal-2006 u sabiex l-istess jigu dikjarati nulli u ineffettivi fil-ligi ghar-ragunijiet imressqa fil-premessi tar-rikors guramentat.

In-natura tat-talba odjerna, u specifikatament dik relattiva ghal-dikjarazzjoni ta' nullità ta' ligi, effettivament hija wahda li ma tistax tigi indirizzata kontra kap ta' dipartiment a tenur tal-Artikolu 181B(2).

Meta qed tigi attakkata l-validità ta` ligi, l-Avukat Generali huwa l-legittimu kontradittur fil-proceduri. Peress li f'din il-kawza qeghda tigi mpunjata l-validità ta` ligi, anke jekk ligi sussidjarja mahruga fil-funzjoni tal-kjamat fil-kawza Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, il-Qorti tqis li l-Avukat Generali ghandu locus standi.

## 2. Il-Kompetenza tal-Qorti

Permezz tat-tielet, ir-raba u l-hames eccezzjonijiet preliminari tieghu, l-Avukat Generali eccepixxa li l-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni u kompetenza tissindaka ligi jew regolamenti mahruga mill-Parlament hlief kif previst fil-kapitolu IV tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 116 tal-istess Kostituzzjoni u tali gurisdizzjoni jew kompetenza ma tezistix sabiex din il-Qorti

tissindaka il-validità ta' ligi a bazi ta' allegata irragjonevolezza tal-istess ligi. In kwantu l-azzjoni odjerna tista' tiftiehem bhala azzjoni a tenur tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12, l-artikolu imsemmi ma hux applikabbli ghall-kaz odjern peress li r-regolamenti li qed jigu impunjati bir-rikors odjerna ma humiex att amministrattiv izda att legislattiv. Jekk l-artikolu 469A imsemmi jista' jkun b'xi mod applikabbli l-azzjoni odjerna hi fi kwalunkwe kaz perenta ai termini tas-subinciz (3) tal-istess artikolu.

L-eccezzjonijiet preliminari tal-imsejha fil-kawza l-Prim Ministru u l-Ministru tal-Finanzi huma dawk kontenuti fl-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet li huma riflessjoni tal-eccezzjonijiet preliminari imressqa mill-Avukat Generali.

L-eccezzjonijiet ta' natura preliminari tal-Awtorità intimata fir-rigward huma l-ewwel, it-tieni w it-tielet eccezzjonijiet li fihom l-Awtorità tikkontendi li l-involviment tal-Awtorità fil-kaz odjern kien konkluz mal-approvazzjoni u l-hrug tac-Cirkolari informattiva dwar il-performance fees, bl-ahhar komunikazzjoni tkun ippublikata u maghrufa ghall-pubbliku in generali, inkluz ghas-socjetà rikorrenti fit-22 ta Settembru 2006 u ghaldaqstant l-azzjoni tar-rikorrenti fil-konfront tal-Awtorità hija preskritta a tenur tal-artikolu 469A(3) tal-Kap. 12. Id-decizjoni tal-Awtorità tista' tigi kontestata quddiem it-Tribunal ghal Servizzi Finanzjarji, tribunal amministrattiv li ghandu l-gurisdizzjoni esklussiva biex jistharreg l-ghemil tal-Awtorità u ghaldaqstant din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni u dan a tenur tal-provvedimenti tal-artikolu 469A(4) tal-Kap. 12. Il-process tar-regolamentazzjoni dwar il-performance fees sar permezz ta' Regolamenti mahruga permez tal-Avviz Legali mill-Ministru responsabbli, liema process huwa wiehed legislattiv u

mhux amministrattiv u ghalhekk il-provvedimenti tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 ma humiex applikabbli.

**Ikkunsidrat**

Qabel jigu trattati dawn l-eccezzonijiet, ghandhu jigi stabbilit x'sura ghandha l-kawza promossa mis-socjetà rikorrenti. Huwa evidenti mill-korp tar-rikors promutur li s-socjetà rikorrenti tqieghed b'fundament ghal proposizzjoni tal-azzjoni minnha intentata kemm ic-cirkolari emessi mill-Awtorità intimata u kif ukoll ir-regolamenti adottati permezz tal-Ligi Sussidjarja.

Huwa biss ghal dak li jirrigwarda c-cirkolari li l-azzjoni intentata mis-socjetà rikorrenti tista' titqies kawza ghal stharrig amministrattiv. L-artikolu 469A tal-Kap 12 jirregola stharrig gudizzjarju ta' atti amministrattivi li huma dawk koperti bis-subinciz (2) tal-Artikolu 469A:

> *"'egħmil amministrattiv' tfisser il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant, deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità."*

Ligi ma hijiex att amministrattiv u ghalhekk ma tistax tigi sindakata taht l-artikolu 469A tal-Kap. 12 kif jinstab gja stabbilit fis-sentenza **Carmelo Borg vs Il-Ministru Responsabbli mill-Gustizzja u l-Intern et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Novembru 2005.

Il-Qorti tqis ukoll li c-cirkolari ma jistghux jigu meqjusa bhala "*eghmil amministrattiv*" fis-sens definit fis-subinciz (2). Dan il-punt diga' gie dibattut quddiem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tat-2 ta' Ottubru 2009 fl-ismijiet GlobalCapital Fund Advisers Ltd v Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta fejn proprju gie ribadit illi:

> *"1. Bhala regola c-cirkolarijiet ma humiex fil-prattika hlief mizura ta' konoxxenza u, in effetti, in-natura guridika taghhom ta' spiss tiddependi mill-kwalifikazzjoni ta' dak li permezz taghhom jigu notifikati jew komunikati lill-partijiet. Jekk ghaldaqstant huma ma jirrivestux il-forma ta' xi decizjoni, ukoll hekk mahruga fl-ezercizzju ta' xi poter amministrattiv, ma jistghux hlief jitqiesu atti merament finalizzati biex jindirizzwa certi sitwazzjonijiet jew biex jintroducu tibdiliet prospettivi;*
>
> *2. Jikkonsegwi illi meta c-cirkolarijiet ma humiex atti normattivi jew decizjonali, u ma humiex riprodotti fil-forma ta' provvediment jew ta' ordni amministrattiva, dawn ma jistghux jigu meqjusa atti idoneji li jincidu fuq il-posizzjoni guridika ta' l-interessati*."

Dik il-Qorti ziedet tghid illi:

> *"...ma jidhrilhiex illi c-cirkolarijiet de quo, u in partikolari, dik tat-22 ta' Settembru 2006 jista' jkollhom rilevanza esterna aktar minn semplici informazzjoni u komunikazzjoni lill-addetti fis-settur. Jigifieri fil-lingwagg uzat fl-ahhar cirkolari "to update you regarding the status of the proposed new*

*requirements on performance fees". Huwa veru li l-istess cirkolarijiet kienu intizi li jinformaw dwar it-tibdiliet u l-kondizzjonijiet progettati izda, finalment, l-effett mandatarju fuq l-interessati ma kienux jaghmluha dawn, imma r-Regolamenti Ministerjali surreferiti promulgati bil-poter konferit lill-Ministru responsabbli mill-Artikolu 12 tal-Att, u li hasbu biex jiffinalizzaw u jintegraw l-iskema regolatorja ssuggerita mill-Awtorità."*

Fil-fatt il-kondizzjonijiet il-godda li jolqtu l-performance fees gew inkorporati f'legislazzjoni sussidjarja ppublikat fis-Supplimenti tal-Gazzetta tal-Gvern fit-13 ta' Ottubru 2006 (Dok GCX a fol 130) u msejha Investment Services Act (Performance Fees) Regulations, u ghalhekk huma dawn is-sors tad-dritt applikabbli.

L-istess Qorti osservat ukoll illi:

"*huwa inutili li s-socjeta appellanti [rikorrenti odjerna] ticcensura u tattakka dawn ic-cirkolarijiet ghaliex dak li jipprevali f'dan il-kaz, u ghandhu jiehdu precedenza ghal kwestjoni principali kontrovertita ma humiex ic-cirkolarijiet izda r-Regolamenti imperattivi regolanti l-performance fees*".

**Ikkunsidrat**

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha paragrapfu 10 a fol 170, l-Awtorità intimata irrilevat illi hija mhijiex legittimu kontradittur u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Din il-Qorti

tinnota illi l-Awtorità ma ressqet l-ebda eccezzjoni f'dan is-sens fir-risposta guramentata taghha. Il-Qorti ma tistax tqis eccezzjonijiet li ma jitressqux konformement mar-regoli procedurali stabbiliti fil-Kapitolu 12, ghaliex altrimenti tkun qed tohloq ingustizzja ghal parti li tigi rinfaccjata b'eccezzjoni f'nota ta' sottomissjonijiet responsiva. Il-Qorti ghalhekk ser tiskarta din is-sottomissjoni tal-Awtorità intimata.

**Ikkunsidrat**

Fid-dawl tal-osservazzjonijiet li ghamlet il-Qorti tal-Appell, din il-Qorti tqis li ma tistax tistharreg c-cirkolarijiet emessi mill-Awtorità intimata u f'kull kaz huwa l-promulgazzjoni tar-Regolamenti li minnu tista' tilmenta s-socjetà rikorrenti.

**Ikkunsidrat:**

Stabbilit illi din il-Qorti ma ghandhiex kompetenza biex tistharreg is-siwi u l-validità tac-cirkolarijiet emessi mill-Awtorità intimata, din il-Qorti issa ser tqis jekk ligi sussidjarja tistax tigi mistharrga kif qed titlob is-socjetà rikorrenti fil-limiti tal-azzjoni minnha proposta.

Rilevanti huwa l-fatt li l-istharrig gudizzjarju li din il-Qorti trid taghmel huwa marbut strettament mal-premessi u t-talbiet tas-socjetà rikorrenti.

GlobalCapital Fund Advisers Limited illimitat it-talbiet taghha ghal stharrig gudizzjarju tal-legislazzjoni sussidjarja de quo ghal nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-awtoritajiet kompetenenti ghal hrug tar-regolamenti, irragjonevolezza, diskriminatorjetà, u esproprjazzjoni forzata ta' hwejjigha.

Is-socjetà rikorrenti tikkontendi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha illi mhijiex issejjah l-azzjoni taghha ghal stharrig gudizzjarju ta' ligi fuq l-artikolu 469A. Tghid illi l-Qorti ghandha kompetenza biex twettaq stharrig gudizzjarju ta' ligijiet sussidjarji. Tirreferi ghal Common Law Ingliza bhala sors tal-ligi amministrattiva lokali sabiex tikkonkludi li l-istharrig gudizzjarju ta' ligi sussidjarja huwa fil-gurisdizzjoni u l-kompetenza tal-Qrati Ordinarji u li jista' jsehh a bazi ta' nuqqas ta' ragjonevolezza, *improper purposes*, u mala fede.

Min-naha l-ohra l-intimat Avukat Generali u l-imsejha fil-kawza jsostnu li l-azzjoni ta' stharrig gudizzjarju ghandha tigi imsejjsa fuq id-dispost tal-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew inkella fuq id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni.

H.W.R. Wade & C.F. Forsythe fil-ktieb Administrative Law (10 Edizzjoni, Oxford University Press, 2009) pagna 731 jirritjenu illi:

> "*There is no more characteristic administrative activity than legislation. Measured merely by volume, more legislation is produced by the executive government than by the legislature. All the orders, rules and regulations made by ministers, departments and other bodies owe their legal force to Acts of Parliament ... Parliament is obliged to delegate very extensive law-making power over matters of*

*detail, and to content itself with providing a framework of more or less permanent statutes. Law-making power is also vested in local authorities, utility regulators and like bodies, which have power to make byelaws*."

Taht dan l-aspett il-qorti tqis li ligi sussidjarja tista' tkun sindakabbli mill-qrati ordinarji bis-sahha tal-poteri generali taghhom ta' stharrig gudizzjarju.

L-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni jipprovdi illi:

"*Dritt ta' azzjoni ghal dikjarazzjoni li xi ligi tkun invalida ghal xi ragunijiet hlief inkonsistenza mad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 33 sa 45 ta' din il-Kostituzzjoni tkun tappartjeni lill-persuni kollha minghajr distinzjoni u persuna li ggib azzjoni bhal dik ma tkunx mehtiega turi xi interess personali b'appogg ghall-azzjoni taghha*."

Huwa biss f'kawża maħsuba taħt l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni – l-hekk imsejħa "*actio popularis*" dwar in-nuqqas ta' siwi ta' liġijiet – li m'huwiex meħtieġ li l-parti attriċi turi li għandha xi interess personali biex tressaq kawża bħal dik.

F'dan il-kuntest issir riferenza ghas-sentenza **Carmelo Borg vs Il-Ministru responsabbli mill-Gustizzja u l-Intern et** (839/2005) deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-8 ta' Novembru 2005 li kkonfermat li l-ligi sussidjarja tista' tigi kkontestat a bazi ta' dan il-provvediment. Inghad hekk:

"*Fis-sistema legali taghna qatt ma gie dubitat li ligi sussidjarja tista' tigi sindakata mill-Qorti ta' gurisdizzjoni ordinarja – in effetti mill-Prim'Awla – biex wiehed jara jekk tali ligi hi intra vires jew ultra vires is-setghat moghtija mill-Parlament. Id-dritt ta' kull persuna li titlob lill-Qorti li*

*hekk tissindika tali ligijiet illum huwa garantit bl-Artikolu 116 tal-Kosistuzzjoni meta moqri flimkien mad-definizzjoni ta' ligi moghtija fl-Artikolu 124(2) ta' l-istess Kostituzzjoni."*

Din il-Qorti tqis illi l-Qorti ghandha dejjem il-poter li tissindika jekk legislazzjoni sussidjarja hix ultra vires il-poteri moghtija bil-ligi principali. Dan jinsab assodat mill-gurisprudenza. Kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Carmelo Borg u Ministru responsabbli mill-Gustizzja u l-Intern et:**

Hawnhekk ghandu jigi enfasizzat li jekk Ministru, jew xi awtorità ohra, jaghmel xi ligi sussidjarja u joltrepassa l-awtorità moghtija lilu mill-ligi stess li a bazi taghha qed jillegisla sussidjarjament dik l-istess ligi sussidjarja hi nulla u bla effett. F'dawn il-kazijiet il-Qrati taghna ghandhom kull setgha li jissindikaw tali ligi u eventwalment jiddikjarawha bhala li hi "ultra vires" u ghalhekk nulla u bla effett.

Pero fl-istess sentenza l-Qorti rreferit ghall-awtur **Alex Carroll (Constitutional and Administrative Law, 4th Ed pgs 155-156)** u qalet hekk:

*"[1] It would be wrong, however, to give the impression that the courts only allow to be done those things expressly provided for by statute, inexorably holding all else to be ultra vires. Any such doctrine would result in public authorities being unduly hampered in the discharge of their general responsibilities. Accordingly, the courts have developed a doctrine under which they interpret statutes as authorising not only those things expressly provided for, but also acts 'reasonably incidental' to those expressly stated. The classic formulation of this principle remains that of Lord Selborne in A-G vs Great Eastern Rly Co: ... the doctrine ought to be reasonably understood and applied, and ... whatever may fairly be regarded as incidental to, or consequential upon, those things which the legislature has authorised, ought not (unless expressly*

> *prohibited) to be held, by judicial construction, to be ultra vires."*

Din il-Qorti però tghid li ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-intimat Avukat Generali li l-istharrig gudizzjarju huwa necessarjament limitat ghat-test tas-semplici ultra vires imfisser fis-sens jekk il-ligi sussidjarja saritx fil-mansjoni tal-poteri konferiti lill-Ministru responsabbli bl-Att principali. B'dan, izda, mhuwiex jinghad li l-Qorti fl-istharrig gudizzjarju taghha tista' tirrimpjanza d-diskrezzjoni ezercitata mill-persuna kompetenti bid-diskrezzjoni taghha.

Il-Qorti tqis li l-azzjoni promossa mis-socjetà rikorrenti tinkwadra fil-ambitu tal-istharrig gudizzjarju li jista' jsir minnha dwar legislazzjoni sussidjarja.

**3. L-Eccezzjoni dwar l-Interess Guridiku**

Permezz tal-eccezzjoni numerata 6 imressqa mill-Avukat Generali gie eccepit illi jonqos fir-rikorrenti l-interess guridiku li tressaq din il-kawza. Bl-istess mod, l-Awtorità intimata fit-tieni parti tar-raba eccezzjoni taghha eccepiet illi s-socjetà rikorrenti m'ghandhiex l-interess guridiku necessarju fil-konfront tal-Awtorità u lanqas fil-konfront tal-meritu tac-cirkolari u r-regolamenti in kwistjoni. Dan huwa wkoll rifless fl-eccezzjoni numerat erbgha fir-risposta guramentata tal-imsejha fil-kawza.

Huwa biss f'kawża maħsuba taħt l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni – l-hekk imsejħa "*actio popularis*" dwar in-nuqqas ta' siwi ta' liġijiet – li m'huwiex meħtieġ li l-parti attriċi turi li għandha xi interess personali biex tressaq kawża bħal

dik. Mill-bqija, jidher li l-prinċipji li jistabilixxu x'għandu jkun dan l-interess f'kawża "ordinarja" japplika, anke ghal procedura specjali ta' ksur ta' dritt fundamentali jew meta l-Qorti hija mitluba tezercita l-funzjoni taghha ghal dak li jirrigwarda stharrig gudizzjarju ta' ligi sussidjarja.

Dan ifisser li, kif ingħad għadd ta' drabi mill-Qrati Maltin, l-interess meħtieġ irid ikun wieħed dirett, leġittimu u kif ukoll attwali, u jrid joħroġ minn stat attwali ta' ksur ta' jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f'kundizzjoni pożittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ġġib fix-xejn dritt li jappartieni lid-detentur jew li lilu jkun mistħoqq;

L-interess ġuridiku f'parti attriċi huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta jew jonqos li jagħraf il-jedd tal-istess attur u li, fih innifsu, joħloq il-ħtieġa tal-vertenza. Għalhekk, dan iġib miegħu l-konsegwenza li l-ewwel u l-aqwa interess ġuridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna għandha, jiġifieri li titlob li, fil-konfront tagħha, isir ħaqq jew li tiġi msewwija inġustizzja magħmula fil-konfront tagħha.

Illi biex tali interess ikun tutelat minn karattru ġuridiku, irid ikun iwassal għal riżultat ta' utilità u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd, b'mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex tipproduċi tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi. Kien minħabba f'dan il-prinċipju li għadd ta' sentenzi ċaħdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb b'sentenza biss dikjarazzjoni mingħajr oġġett materjali.

Gie stabbilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur għandu jkun jidher mill-att tal-kawża nnifisha (Ara App. Ċiv. **3.12.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Borg vs Caruana*** u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija), u għalkemm il-mottiv tal-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fl-att li bih il-kawża tinfetaħ, għandu għallanqas jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kuntrastat.

Dwar il-kwestjoni tal-attwalità tal-interess, b'mod partikolari dak l-interess li għandu juri l-attur biex isostni l-kawża, ingħad ukoll li fil-prattika ġudizzjarja wieħed jista' jressaq kawża biex jikseb dikjarazzjoni preordinata għal azzjoni definitiva u aħħarija, minkejja li din ma tkunx ġiet inkluża fl-azzjoni ta' aċċertament. Madankollu, f'każ bħal dan, il-Qorti trid tkun soddisfatta li jkun hemm l- interess meħtieġ, anki preordinat għall-kawża l-oħra, u li d-dikjarazzjoni miksuba fil-kawża ta' aċċertament tkun tifforma l-bażi tal-kawża l-oħra li tista' tinfetaħ 'il quddiem.

L-interess mhux ta bilfors ikun wieħed li jiġi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew ġid. L-interess jista' jkun ukoll meqjus imsejjes jekk jimmira li jħares jew jagħti għarfien għal jedd morali jew suġġettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku.

Il-Qorti tqis li s-socjetà rikorrenti ghandha l-interess mehtieg biex tippromwovi l-kawza odjerna, anke taht l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni fejn l-interess mhux necessarjament jig pruvat li jezisti.

Il-Qorti ma tista tinjora l-interess tas-socjetà rikorrenti li jissarraf f'interess patrimonjali li s-socjetà rikorrenti bhala investment advisor kellha naxxenti mill-ftehim pattwit mal-GlobalCapital Fund SICAV plc skond liem kienet tircievi performance fees.

Mhuwiex kontestat li l-legislazzjoni sussidjarja jitkellmu proprju fuq performance fees li jithallsu minn certu skemi ta' investiment kollettiv.  Is-socjeta GlobalCapital Funds SICAV plc hija wahda minn dawn l-iskemi li thallas lis-socjetà rikorrenti performance fees in virtu tal-Investment Advisory Agreement. Ghalkemm il-legislazzjoni sussidjarja hija indirizzata lill-iskemi

ta’ investiment kollettiv, u s-socjeta rikorrenti mhijiex wahda minn dawn l-iskemi, l-operat taghha huwa marbut mal-iskemi ta’ investiment kollettiv li lilhom tipprovdi s-servizzi.

B’dan il-Qorti mhijiex tghid li s-socjetà rikorrenti kellha xi dritt vestit li, ladarba hi dahlet fi ftehim privat ma’ skema ta’ investiment kollettiv, l-Ministru responsabbli ma jghaddix legislazzjoni sussidjarja li tista’ taffetwa r-relazzjoni privata li kellha s-socjetà rikorrenti.  Pero’ ma jistax jigi nnegat li l-interessi patrimonjali tas-socjeta rikorrenti gew affetwati bid-dhul fis-sehh tal-legislazzjoni sussidjarja ghaliex bdew jirregolaw l-performance fees li skemi ta’ investiment kollettiv setghu ihallsu lil socjetajiet bhal dik rikorrenti. Ghalhekk il-Qorti tqis li s-socjetà rikorrenti ghandha interess dirett fis-sens li tali interess jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha u personali fis-sens li jirrigwarda lis-socjeta rikorrenti.

Ghar-rigward tat-tieni parti tar-raba eccezzjoni tal-Awtorità intimata, fejn gie eccepit li s-socjetà rikorrenti m’ghandhiex l-interess guridiku mehtieg fil-konfront tal-Awtorita, il-Qorti tqis li din l-eccezzjoni ghandha mis-sewwa u dana peress li kif gja nghad ic-cirkolarijiet emessi mill-Awtorità ma jekwivalux ghal ghemil amministrattiv, u r-regolamenti kontenuti fil-legislazzjoni sussidjarja ma gewx promulgati mill-Awtorità izda mill-Ministru responsabbli li huwa rapprezentat fl-atti. Ghalhekk jonqos l-interess guridiku ta’ kontradittur ghal pretensjonijiet tas-socjetà rikorrenti tal-Awtorità intimata.

Ghaldaqstant din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:

Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali;

Tilqa’ t-tielet eccezzjoni preliminari tal-Awtorità intimata;

Tilqa' r-raba eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali; u t-tieni eccezzjoni tal-imsejha fil-kawza;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames eccezzjoni mressqa mill-Avukat Generali; tat-tieni eccezzjoni mressqa mill-imsejha fil-kawza; tal-ewwel eccezzjoni tal-Awtorità intimata safejn tresqet l-eccezzjoni tad-dekadenza taht l-artikolu 469A(3) tal-Kap. 12 u tat-tieni eccezzjoni tal-Awtorità intimata;

Tichad it-tielet eccezzjoni tal-Avukat Generali u l-ewwel eccezzjoni tal-imsejhin fil-kawza, salv ghal dak fuq deciz;

Tichad is-sitt eccezzjoni tal-Avukat Generali u r-raba' eccezzjoni tal-imsejha fil-kawza;

Tilqa' t-tieni parti tar-raba eccezzjoni tal-Awtorità intimata, u ghalhekk tillibera lill-Awtorità mill-osservanza tal-gudizzju;

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------